**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

Novembru, 2012

# Il-11-il Forum tad-Duke of Edinburgh's International Award se ssir f'Malta din il-ġimgħa

Il-Prinċep Edward, Ċermen tal-Kunsill Internazzjonali tad-Duke of Edinburgh's International Award, bħal issa jinsab Malta biex jippresjedi fuq il-11-il Forum tad-Duke of Edinburgh's International Award, li se jsir bejn nhar il-Erbgħa u nhar is-Sibt fil-Lukanda Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan.

Dan hu l-qofol ta' tlett snin ta' tħejjija wara li Malta ġiet aċċettata biex tospita l-Forum fl-2009 meta l-aħħar Forum sar fl-Awstralja.

Iktar minn 300 delegat minn 66 pajjiż mistennija jattendu l-Forum, li hu meqjus bħala wieħed mill-laqgħat tal-Forum l-iktar importanti f'dawn l-aħħar 50 sena u l-President's Award ta' Malta huma kburin li se jospitaw avveniment bħal dan.

Wieħed mir-riżultati ewlenin tal-Forum mistenni jkun eżerċizzju ta' *rebranding* tad-Duke of Edinburgh's International Award madwar id-dinja, flimkien ma' metodi ġodda ta' kif iwasslu l-Award biex jaraw li tasal għand kemm jista' jkun żgħażagħ possibbli madwar id-dinja. Matul il-Forum id-delegati mill-awtoritajiet li jieħdu ħsieb l-Award fil-pajjiżi differenti mistennija jkollhom l-opportunità jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u kif jagħmlu l-affarijiet b'mod l-aħjar.

Il-President ta' Malta, Dr George Abela, se jospita ċ-ċerimonja tal-ftuħ fil-Palazz, il-Belt, u matul il-Forum ikun hemm opportunitajiet biex iż-żgħażagħ li jattendu jkunu jistgħu juru t-talenti tagħhom, jieħdu sehem f'attivitajiet biex ikunu jistgħu jsiru jafu l-xulxin aħjar u jiżviluppaw l-istrateġija tal-Award għall-ġejjieni.

Skont iċ-Ċermen tal-Kumitat Lokali li qed jorganizza l-Forum, Kenneth de Martino: "Apparti milli kellna l-appoġġ ta' numru kbir ta' ħbieb u kollaboraturi, niextiequ nestendu l-gratitudni tagħna lejn l-isponsors li tant għenuna, il-Gvern ta' Malta, Banif Bank, Corinthia Group, il-KDM Group u l-Janatha Stubbs Foundation.

"Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw numru ta' sponsors tal-avvenimenti, fosthom l-Uffiċċju tal-President ta' Malta, Delicata Winery, l-Istrickland Foundation, il-Forestals Group, Alert Communications, The Rug Company, G4S u Studio 7."

Il-President's Award hu programm għal żgħażagħ bejn l-etajiet ta' 14 u 25 li permezz tiegħu jistgħu jiżviluppaw bħala individwi f'ambjent mhux kompetittiv. Tgħihom jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħajja (life skills) u biex ikunu iktar preparati għall-isfidi tal-ħajja f'dinja adulta.

Minkejja li l-Award diġa' biddel il-ħajja ta' numru kbir ta' żgħażagħ li ma tistax tgħoddhom – minn żgħażagħ delinkwenti sa tfal tat-triq sa tfal li kienu suldati – il-mod ġdid propost ta' kif se jaħdem l-Award, li se jitnieda f'Malta, se jfisser li ħafna iktar tfal jistgħu jinvolvu ruħhom.

Minn mindu twaqqaf l-Award mill-Eċċ. Tiegħu id-Duka ta' Edinburgu fl-1956 iktar minn tminn miljun persuna ħadu sehem fl-Award f'iktar minn 140 pajjiż u territorju. Dan jagħmlu l-ikbar premju ta' kisba taż-żagħżagħ fid-dinja. Tnieda f'Malta fl-1961 bħala d-Duke of Edinburgh Award – Fergħa ta' Malta, iżda bidel ismu għal President's Award – Malta biex jagħti ġiħ lill-appoġġ kbir li rċieva mingħand il-Presidenza.

Għal iktar informazzjoni fuq id-Duke of Edinburgh's International Award u biex issir taf kif tista' tinvolvi ruħek żur www.intaward.org. Għal iktar informazzjoni fuq il-President's Award – Malta żur www.presidentsaward.org.mt.

*– TMIEM –*



*Tixbit*



*Tindif tal-bajjiet*